MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**VERONICA GALEA DEBONO**

Seduta tat-12 ta' Mejju, 2010

Talba Numru. 336/2009

Public Broadcasting Services Limited (C13140).

Vs

The Business Centre Limited (C17918).

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici qed titlob il-hlas tas-somma ta' elf, erba mija, tlieta u erbghin ewro u hames centezmi (€1,443.05) minghand is-socjeta' konvenuta, rapprezentanti bilanc fuq dritt dovut ghal servizzi rezi lilha, u minkejja li s-socjeta konvenuta giet interpellata diversi drabi sabiex thallas, hija baqghet inadempjenti. Bl-ispejjes ta' din il-procedura u bl-interessi skond il-ligi mid-data ta' l-ittra ufficjali sad-data tal-pagament effettiv kontra s-socjeta' konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm is-socjeta' konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-

kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deheret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta’ attrici u l-fatt li s-socjeta’ konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondieh, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba, u jikkundanna s-socjeta’ konvenuta thallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ elf, erba mija, tlieta u erbghin ewro u hames centezmi (€1,443.05) bl-imghax kif mitlub fl-Avviz. L-ispejjez kollha tal-kawza kif mitluba fl-Avviz ghandhom jigu ssopportati mis-socjeta’ konvenuta.

**Av. Veronica Galea Debono**
**Gudikant.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------